

**ANNESS 1**

**KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

## **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Kexxtone 32.4 g strument li kontinwament jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr għal baqar

## **2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA**

### **Sustanza Attiva:**

Monensin 32.4 g (ekwivalenti għal 35.2 g ta' monensin sodium).

Kull strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa tal-bhima li tixtarr fih 12-il sottounità li kull waħda jkun fiha 2.7 g ta' monensin (ekwivalenti għal 2.9 g ta' monensin sodium).

Għal-lista sħiħa ta' ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## **3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA**

Strument li kontinwament jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr.

Strument ċilindriku oranġo tal-polypropylene li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr identifikat unikament b'numru, mgħammar bil-ġwienaħ, li jikkonsisti f'qalba li hi ppreżentata f'munzell ta' 12-il sottounità.

## **4. TAGħrif KLINIKU**

### **4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott**

Baqar (baqar tal-ħalib u erieħ)

### **4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott lijispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.**

Għat-tnaqqis fl-inċidenza ta' ketożi f'baqra tal-ħalib/erha qabel jew fit wara li twellet li mistennija li tiżviluppa ketożi.

### **4.3 Kontraindikazzjonijiet**

Tużax f'animali li jiżnu inqas minn 300 kg ta' piż tal-ġisem.

Tużax f'każijiet ta' sensitività għall-ingredjent attiv; ingredjenti mhux attivi jew ingredjenti oħra.

### **4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott**

L-identifikazzjoni ta' animali għall-kura għandha tkun fid-diskrezzjoni veterinarja. Il-fatturi ta' riskju jistgħu jinklu storja ta' mard assoċċjat ma' nuqqas ta' enerġija, kundizzjoni tal-ġisem għolja u paritā.

Fil-każ ta' rigurġitazzjoni bikrija, identifika l-animal billi tqabbel in-numru tal-ID tal-animal man-numru fuq l-istruмент li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr u erga' agħti strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa tal-bhima li tixtarr li ma jkunx fih ħsara (Ara sezzjoni 4.5).

### **4.5 Prekawzjonijiet Speċjali għall-Użu**

#### Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-animali

Żomm il-baqar ikkurati f'żona ristretta għal siegħa wara l-għoti biex tosserva jekk ikunux belgħu l-mediċina jew f'każ ta' rigurġitazzjoni. Jekk dan isehħħ, erga' agħti l-istruмент li jerħi l-mediċina jekk

ma jkun fiha ebda īsara. Jekk l-istrument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr ikun fih il-ħsara, agħti strument ieħor li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr. Ibqa' ċċekkja l-baqar għal 4 ijiem wara d-dożaġġ biex tessera għal sinjali li l-istrument li jerħi l-mediċina jkunx weħel fl-esofagu.

Sinjali ta' twaħħil jistgħu jinkludu nefħa segwita minn sogħla, tlegħib, nuqqas ta' aptit u nuqqas ta' tqanċiċ.

#### Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-animali

L-esponent għas-sustanza attiva jista' jirriżulta f'reazzjoni allerġika f'individwi suxxettibbi. Persuni li għandhom sensittività eċċessiva magħrufa għal monensin jew għal kwalunkwe sustanza mhux attiva għandhom jevitaw kuntatt mal-prodott mediċinali veterinarju.

Tikolx, tixrobx u tpejjipx waqt li tkun qed timmaniġġja l-prodott mediċinali veterinarju.

Uża l-ingwanti meta tkun qed timmaniġġja l-istrument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr, inkluż meta tkun qed tiġib strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr li ġie rigurġitat. Nekħhi l-ingwanti u aħsel idejk u ġilda esposta wara li tmiss strumenti li jerħu l-mediċina fil-kirxa.

#### Prekawzjonijiet oħra jnji

Inġestjoni jew esponent orali għal monensin jistgħu jkunu fatali fil-klieb, żwiemel, ekwini oħra jnji jew fargħuni. Tħallix klieb, żwiemel, ekwini oħra jnji jew fargħuni jiksbu aċċess għal prodotti mediċinali veterinarji li jkun fihom monensin.

Minħabba r-riskju ta' rigurġitazzjoni bolus, tippermettix lil dawn l-ispeċi jiksbu aċċess għal żoni fejn ikunu nżammu baqar ittrattati.

Żomm il-klieb 'il bogħod minn animali ttrattati. L-inġestjoni aċċidentalni ta' ingredjent attiv mill-klieb tista' tkun fatali. Fil-każ ta' suspect ta' inġestjoni minn klieb, fittex parir mingħand veterinarju minnufih.

#### **4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)**

F'każijiet rari, sinjali digħestivi (eż. dijarea, disturb fl-istonku ta' animali ruminanti) ġew osservati. F'każijiet rari ħafna, ostruzzjoni fl-esofagu ġiet osservata.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 animali ttrattati li juru effetti mhux mixtieqa)
- komuni (aktar minn wieħed iż-żda inqas minn 10 animali f'100 animali ittrattat)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iż-żda inqas minn 10 animali f'1,000 animali ittrattat)
- rari (aktar minn wieħed iż-żda inqas minn 10 animali f'10,000 animali ittrattat)
- rari ħafna (inqas minn animal wieħed f'10,000 animali ittrattat, inklużi rapporti iż-żolati).

#### **4.7 Użu fit-tqala, fi-treddiġi u fi żmien il-bidien**

Jista' jintuża waqt it-tqala u t-treddiġi.

#### **4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni**

Xejn li hu magħruf.

#### **4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni**

Użu għal-kirxa ta' bhima li tixtarr.

Strument wieħed li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr irid jingħata lil baqra tal-ħalib/erħha minn 3-4 ġimġħat qabel id-data li mistennija jwelldu, billi tintuża għoddha adattata għall-għoti.

Kexxtone iforni doża medja ta' madwar ta' 335 mg ta' monensin kuljum għal madwar 95 jum.

Segwi l-istruzzjonijiet bir-reqqa.

Hemm bżonn li l-annimal jittrażżan biex dan l-strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr jingħata kif suppost. Dan it-trażżeen għandu jirristrinġi c-ċaqlaq il-quddiem/lura u jippermetti li r-ras tal-annimal tinżżamm fil-pożizzjoni estiża 'l quddiem u mingħajr pressjoni fuq l-għonq biex l-annimal ma jifgax.

1. Kull strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr għandu numru individwali fuqu. Għandha tittieħed nota ta' dan in-numru flimkien man-numru korrispondenti ta' identifikazzjoni tal-annimal biex b'hekk, jekk strument li jerħi l-mediċina jiġi rigurgitat, l-annimal ikun jista' jiġi identifikat.
2. Itwi l-ġwienaħ 'l isfel matul il-korp tal-kapsula u daħħal il-kapsula fl-għodda adattata għall-għoti, bil-parti tal-ftuħ l-ewwel.
3. Irrestringi l-annimal bir-ras u l-għonq miġbudin 'il quddiem. Aqbad l-annimal b'id waħda fil-ġenb tal-ħalq. Daħħal l-għodda tal-għoti fil-ħalq u evita s-snien ta' quddiem. Sabiex tevita trawma u ħsara lill-farinġi u l-esofagu, tużax forza eċċessiva.
4. Daħħal l-għodda tal-għoti lil hemm mill-bażi tal-ilsien u aċċerta ruħek li tevita d-dras. Hekk kif l-annimal ikun qed jibla', l-għodda tal-għoti tersaq faċilment fuq il-bażi tal-ilsien. TUŻAX FORZA EĊĊESSIVA. Jekk tiltaqa' ma' reżistenza, iġbed l-għodda ftit lura u rrepeti l-proċedura.
5. Kun ċert li r-ras tal-għodda tal-għoti tkun lil hinn mill-bażi tal-ilsien. Meta l-annimal jibla', itfa' 'l barra l-strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr mill-għodda tal-għoti.

#### **4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti) jekk ikun hemm bżonn**

L-għoti aċċidentalni ta' iktar minn strument wieħed li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr jista' jirriżulta f'xi reazzjonijiet avversi li huma tipiċi ta' doża eċċessiva ta' monensin, li jinkludu nuqqas ta' aptit, dijarea u letarġija. Dawn ġeneralment ikunu temporanji. L-ogħla doża ttollerata hi tipikament bejn 1 mg u 2 mg ta' monensin/kg ta' piżi tal-ġisem/jum.

#### **4.11 Perjodu ta' tiżmim**

Laħam u ġewwieni tal-annimali: xejn

Ħalib: xejn

### **5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI**

Grupp farmako-terapeutiku: Prodotti oħra għall-passaġġ tal-ikel u tal-metaboliżmu: mediċini għall-prevenzjoni u/jew it-trattament tal-aċetonemija. Kodiċi veterinarja ATC: QA16QA06

Monensin hu membru tal-grupp farmakoterapeutiku ta' polyether ionophores, speċifikament is-sottogrupp carboxylic. Huma l-prodott ta' prodotti ta' fermentazzjoni naturali magħmula minn *Streptomyces cinnamonensis*.

#### **5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi**

Monensin jeħel mal-membrani ta' ċelluli batteriċi u jinterferixxi mal-manteniment ta' *gradients* ta' joni importanti fiċ-ċellula li huma meħtieġa għat-trasport ta' nutrijenti u biex jiġi generaw forza protonmotiva. Monensin hu primarjament attiv kontra batterji Gram-pożittivi. Batterji Gram-negattivi għandhom membrani ċellulari ta' barra kumplessi, li jirriżultaw f'reżistenza inerenti għall-azzjoni tal-jonofori. Għalhekk, l-effett aħħari ta' monensin fil-kirxa hu li ċċaqlaq il-popolazzjoni mikrobjali li jirriżulta fi tnaqqis tal-batterji li jipproduċċu *acetate* u *butyrate* u jżid il-batterji li jipproduċċu propionate, il-prekursur glukoneogeniku. B'rizzultat tal-bidla fil-popolazzjoni ta' batterji fil-kirxa, l-efċċjenza tal-metaboliżmu tal-enerġija titjieb. Fil-baqua tal-ħalib waqt it-tweldi u ffit wara li twelled, l-

effetti pożittivi ta' monensin jinkludu tnaqqis fil-ketones tad-demmin, żieda fil-glucose fis-serum u tnaqqis fl-inċidenza ta' ketożi.

## 5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Is-sit ta' azzjoni għal monensin mogħi fil-kirxa ta' bhima li tixtarr hu l-passaġġ gastrointestinali. L-għoti ta' monensin fil-kirxa ta' bhima li tixtarr hu segwit minn metaboliżmu *first pass* estensiv li jirriżulta f'konċentrazzjonijiet baxxi ta' monensin fiċ-ċirkolazzjoni sistemika. Il-metaboliti u l-mediċina prinċipali jiġu eliminati fil-bila.

Meta s-sottounitajiet tal-pillola ġol-istrument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr imissu l-fluwidu tal-kirxa fil-fetħa tal-istrument, jifforma ġell u joħroġ bil-mod mill-istrument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr. Monensin joħroġ mill-istrument li jerħi l-mediċina fil-kirxa f'dożaġġ medju ta' bejn wieħed u ieħor ta' 335 mg/kuljum.

## 6. TAGħrif FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' ingredjenti

#### Sottounità

Sucrose fatty acid ester

Carbomer

Lactose monohydrate

Magnesium stearate

Silica, colloidal anhydrous

#### Strument

Għatu tal-polypropylene\* tal-ftuħ.

Planġer tal-polypropylene\*.

Bettija u ġewnaħ tal-polypropylene\*.

Molla tal-azzar.

\*Il-komponenti tal-polypropylene huma kkuluriti b'sunset yellow E110

### 6.2 Inkompatibilitajiet maġġuri

Mhux applikabbli

### 6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: 3 snin  
Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetaħ l-ippakjar li jmiss mal-prodott: 6 xhur

### 6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Żomm il-fojl magħluq tajjeb.

### 6.5 In-natura u l-ġħamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

Borża ta' fojl tal-aluminju li jkun fiha 1, 3 jew 5 strument(i) li jerħu mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr.

Mhux id-daqsijjiet kollha tal-pakkett jistgħu qiegħdin fis-suq.

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju jew kwalunkwe strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr rigurġit għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

**7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Elanco GmbH  
Heinz-Lohmann-Str. 4  
27472 Cuxhaven  
Il-Ġermanja

**8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/12/145/001-003

**9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 28/01/2013

Data tal-aħħar tiġid: 06/12/2017

**10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST**

XX/SSSS

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>.

**PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA, U/JEW UŻU**

Mhux applikabbli.

## **ANNESS II**

- A. MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUġ TAL-LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD  
IL-PROVVISTA U L-UŻU**
- Ċ. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**

## A. MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbi mill-ħruġ tal-lott

Elanco France S.A.S  
26 Rue de la Chapelle  
68330 Huningue  
Franza

## B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediciinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

## Ċ. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs

Il-Kumitat għal Prodotti Mediciinali għall-Użu Veterinarju rrakomanda l-inklużjoni ta' Monesin f'Kexxtone f'tabella numru 1 (Sustanzi ammissibbli) fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 kif ġej:

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu li jimmarka	Speċe ta' l-annimal	MRL	Tessuti mmirati	Dispożizzjonijiet oħrajn	Klassifikazzjoni terapewtika
Monensin	Monensin A	Baqar	2 µg/kg 10 µg/kg 50 µg/kg 10 µg/kg 2 µg/kg	Muskoli Grass Fwied Kliewi Ħalib	Xejn	Sustanza anti-infettiva/antibiotika

L-addittivi elenkti f'sezzjoni 6.1 tal-Karatteristiċi tal-Prodott fil-Qosor huma jew sustanzi ammissibbli li għalihom m'hemmx bżonn ta' limiti massimi ta' residwi kif indikat fit-tabella numru 1 tal-anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 jew huma kkunsidrati li ma jaqgħux fi ħdan l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 meta użati bħal f'dan il-prodott mediciinali veterinarju.

**ANNESS III**  
**TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF**

## **A. TIKKETTA**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA****BORŻA TAL-FOJL LI FIHA 1, 3 JEW 5 STRUMENTI LI JERĦU KONTINWAMENT IL-MEDIĊINA FIL-KIRXA TAL-BHIMA LI TIXTARR****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Kexxtone 32.4 g strument li kontinwament jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr għal baqar monensin

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA**

35.2 g ta' monensin sodium (ekwivalenti għal 32.4 g ta' monensin)

**3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA**

Strument li kontinwament jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr.

**4. DAQS TAL-PAKKETT**

Strument 1 li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr  
3 strumenti li jerħu l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr  
5 strumenti li jerħu l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr

**5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT**

Baqar (Baqar tal-ħalib u erieħ)

**6. INDIKAZZJONI(JIET)****7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.  
Użu għal-kirxa ta' bhima li tixtarr

**8. ŻMIEN(IJINET) TA' TIŻMIM**

Laħam u ġewwieni tal-annimal: xejn  
Ħalib: xejn

**9. TWISSIJIET SPEċJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel lużu

Inghestjoni jew esponiment orali għal monensin jistgħu jkunu fatali fil-klieb, żwiemel, ekwini oħrajn jew fargħuni. Tħallix klieb, żwiemel, ekwini oħrajn jew fargħuni jiksbu aċċess għal prodotti mediċinali veterinarji li jkun fihom monensin.

Minħabba r-riskju ta' rigurġitazzjoni bolus, tippermettix lil dawn l-ispeċi jiksbu aċċess għal żoni fejn ikunu nżammu baqar ittrattati.

L-esponiment għas-sustanza attiva tista' tirriżulta f'reazzjoni allerġika f'persuni suxxettibbli. Persuni li għandhom sensittività eċċessiva magħrufa għal monensin jew għal kwalunkwe sustanza mhux attiva għandhom jevitaw kuntatt mal-prodott mediċinali veterinarju.

Tikolx, tixrobx u tpejjipx waqt li tkun qed timmaniġġja l-prodott mediċinali veterinarju.

Uża l-ingwanti meta tkun qed timmaniġġja l-strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr, inkluż meta tkun qed tiġġor strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr li jkun ġie riġurgitat.

Neħħi l-ingwanti u aħsel idejk u ġilda esposta wara li tmiss strumenti li jerħu l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr.

## **10. DATA TA' SKADENZA**

Jiskadi {xahar/sena}

Ladarba jinfetaħ uża sa:.....

Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetaħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott: 6 xhur

## **11. KUNDIZZJONIJIET SPEċJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Żomm il-fojl magħluq tajjeb.

## **12. PREKAWZJONIJIET SPEċJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Materjal ta' skart għandu jintrema skont kif jitkolu r-regolamenti tal-pajjiż.

## **13. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS” U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI**

Għall-kura tal-animali biss. Għandu jingħata biss b'rċetta veterinarja.

## **14. IL-KLIEM “ŻO MM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

## **15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEĠHID FIS-SUQ**

Elanco GmbH  
Heinz-Lohmann-Str. 4  
27472 Cuxhaven  
Il-Ġermanja

**16. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGLID FIS-SUQ**

EU/2/12/145/001

EU/2/12/145/002

EU/2/12/145/003

**17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR**

Lott {numru}

## **B. FULJETT TA' TAGĦRIF**

## FULJETT TA' TAGĦRIF:

Kexxtone 32.4 g strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr għal baqar

### 1. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ U TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT, JEKK DIFFERENTI

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq:

Elanco GmbH  
Heinz-Lohmann-Str. 4  
27472 Cuxhaven  
Il-Ġermanja

Manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott:

Elanco France S.A.S  
26 Rue de la Chapelle  
68330 Huningue  
Franza

### 2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Kexxtone 32.4 g strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr għal baqar monensin

### 3. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I) U INGREDJENT(I) OĦRA

Monensin 32.4 g (ekwivalenti għal 35.2 g ta' monensin sodium)

Strument cīlindriku oranġjo tal-polypropylene li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr identifikat unikament b'numru, mgħammar bil-ġwienaħ, li jikkonsisti f'qalba li hi ppreżentata f'munzell ta' 12-il sottounità

### 4. INDIKAZZJONI(JIET)

Għat-tnaqqis fl-inċidenza ta' ketożi f'baqra tal-ħalib/erħa qabel jew fit wara li twellet li mistennija li tiżviluppa ketożi.

### 5. KONTRAINDIKAZZJONIJIET

Tużax f'annimali li jiżnu inqas minn 300 kg ta' piż tal-ġisem.

Tużax f'każijiet ta' sensitività għall-ingredjent attiv; ingredjenti mhux attivi jew ingredjenti oħra.

### 6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA

F'każijiet rari, sinjali digħestivi (eż. dijarea, disturb fl-istonku ta' annimali ruminanti) ġew osservati. F'każijiet rari ħafna, ostruzzjoni fl-esofagu ġiet osservata.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali trtrattati li juru effetti mhux mixtieqa)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimali ittrattat)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'1,000 annimali ittrattat)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'10,000 annimali ittrattat)

- rari īnfra (inqas minn annimal wieħed f' 10,000 annimal ittrattat, inklużi rapporti iżolati).

Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok informa lit-tabib veterinarju tiegħek.

## **7. SPEĊI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT**

Baqar (baqar tal-ħalib u erieħ)

## **8. DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI**

Għal użu fil-kirxa ta' bhima li tixtarr.

Strument wieħed li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr jrid jingħata lil baqra tal-ħalib/erħha 3-4 ġimġhat qabel id-data mistennija ta' meta tkun se twellet, billi tuża għoddha adattata għall-għot. Kexxtone iforni doża medja ta' madwar 335 mg ta' monensin kuljum għal madwar 95 jum.

## **9. PARIR SABIEX TAMMINISTRA B'MOD KORRETT**

Segwi l-istruzzjonijiet bir-reqqa.

Hemm bżonn li l-annimal jittrażżan biex dan l-istrument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr jingħata kif suppost. Dan it-trażżeen irid jillimita moviment 'il quddiem/lura u jippermetti li r-ras tal-annimal tinżamm fil-pożizzjoni estiżja 'l quddiem u mingħajr pressjoni fuq l-għonq biex l-annimal ma jifgax.

Kull strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr għandu numru individwali fuq l-istrument. Għandha tittieħed nota ta' dan in-numru flimkien man-numru korrispondenti ta' identifikazzjoni tal-annimal biex b'hekk, jekk strument li jerħi l-mediċina jiġi rigurġitat, l-annimal ikun jista' jiġi identifikat.

Itwi l-ġwienaħ 'l isfel matul il-korp tal-istrument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr u daħħal il-kapsula fl-għoddha adattata għall-għot, fil-parti tal-ftuħ l-ewwel.

Billi toqgħod bilwieqfa fuq naħħa waħda tal-annimal, żommu b'rasi u għonqu miġbudin 'il quddiem u żommu b'mod sod ma' ġenbejk. Aqbad l-annimal b'id waħda fil-ġenb tal-ħalq. Daħħal l-għoddha tal-ġħoti fil-ħalq u evita s-snien ta' quddiem. Sabiex tevita trawma u ħsara lill-farinġi u l-esofagu, tużax forza eċċessiva.

Daħħal l-ġħoddha tal-ġħoti lil hinn mill-bażi tal-ilsien u aċċerta ruħek li tevita d-dras. Hekk kif l-annimal ikun qed jibla', l-ġħoddha tal-ġħoti tersaq faċilment fuq il-bażi tal-ilsien. TUŻAX FORZA EĊĊESSIVA. Jekk tiltaqa' ma' reżistenza, iġbed ftit lura l-ġħoddha tal-ġħoti u rrepeti l-proċedura. Kun ċert li r-ras tal-ġħoddha tal-ġħoti tkun lil hinn mill-bażi tal-ilsien. Meta l-annimal jibla', itfa' 'l barra l-istrument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr mill-ġħoddha tal-ġħoti.

Żomm il-baqar ikkurati f'żona ristretta għal siegħa wara l-ġħoti biex tosserva jekk ikunux naqsu milli jibilgħu l-mediċina jew f'każ ta' rigurġitazzjoni. Jekk dan isseħħ, erga' agħti l-istrument li jerħi l-mediċina jekk ikun mingħajr ħsara. Jekk l-istrument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr ikun fiċċi il-ħsara, agħti strument ieħor li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr. Ibqa' ċċekkja l-baqar għal 4 ijiem wara d-dożaġġ biex tosserva għal sinjalji li l-istrument li jerħi l-mediċina ikunx weħel fl-esofagu. F'każ ta' rigurġitazzjoni bikrija identifika n-numru tal-annimal billi tqabbel man-numru tal-istrument li jerħi l-mediċina.

Sinjalji ta' twaħħil jistgħu jinkludu nefħa segwita minn sogħla, tleġib, nuqqas ta' aptit u nuqqas ta' tqanċiċ.

## **10. PERJODU TA' TIŻMIM**

Laħam u ġewwieni tal-annimali: xejn  
Ħalib: xejn

## **11. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦALL-ĦAŻNA**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Żomm il-fojl magħluq tajjeb.

Żmien kemm idum tajjeb wara li jkun infetaħ l-ippakkjar li jmiss mal-prodott: 6 xhur

Tużax dan il-prodott mediciinali veterinarju wara d-data ta' skadenza li tinsab fuq il-pakkett wara "Jiskadi". Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar jum tax-xahar.

## **12. TWISSIJIET SPEĊJALI**

### Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali:

L-identifikazzjoni ta' annimali għall-kura għandha tkun fid-diskrezzjoni veterinarja. Il-fatturi ta' riskju jistgħu jinkludu storja ta' mard assoċjat ma' nuqqas ta' enerġija, punteġġ għoli tal-kundizzjoni tal-ġisem u parità.

### Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediciinali veterinarju lill-annimali:

L-esponenti għas-sustanza attiva tista' tirriżulta f'reazzjoni allerġika f'individwi suxxettibbli. Persuni li għandhom sensittivitā eċċessiva magħrufa għal monensin jew għal kwalunkwe sustanza mhux attiva għandhom jevitaw kuntatt mal-prodott mediciinali veterinarju.

Tikolx, tixrobx u tpejjipx waqt li tkun qed timmaniġġja l-prodott mediciinali veterinarju.

Uża l-ingwanti meta tkun qed timmaniġġja l-strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr, inkluż meta tkun qed tiġi istor li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr li jkun ġie rigurġitata.

Neħħi l-ingwanti u aħsel idejk u ġilda esposta wara li tmiss strumenti li jerħu l-mediċina fil-kirxa.

### Prekawzjonijiet oħrajn:

Inġestjoni jew esponenti orali għal monensin jistgħu jkunu fatali fil-klieb, żwiemel, ekwini oħrajn jew fargħuni. Tħallix klieb, żwiemel, ekwini oħrajn jew fargħuni jiksbu aċċess għal prodotti mediciinali veterinarji li jkun fihom monensin.

Minħabba r-riskju ta' rigurġitazzjoni bolus, tippermettix lil dawn l-ispeċi jiksbu aċċess għal żoni fejn ikunu nżammu baqar ittrattati.

Żomm il-klieb 'il bogħod minn annimali ttrattati. L-inġestjoni aċċidental ta' ingredjent attiv mill-klieb tista' tkun fatali. Fil-każ ta' suspect ta' inġestjoni minn klieb, fittex parir mingħand veterinarju minnufih.

### Tqala u treddiġħ:

Jista' jintuża matul it-tqala u t-treddiġħ.

### Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti):

L-għoti aċċidental ta' iktar minn strument wieħed li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr jista' jirriżulta f'xi reazzjonijiet avversi li huma tipiċi ta' doża eċċessiva ta' monensin, li jinkludu nuqqas ta' aptit, dijarea u letarġija. Dawn ġeneralment ikunu temporanji. L-oħla doża ttollerata hi tipikament bejn 1 mg u 2 mg ta' monensin/kg ta' piżi tal-ġisem/jum.

### Inkompatibilitajiet:

Mhux applikabbli

**13. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR RIMI TA' PRODOTT MHUX UŻAT JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Mediċina veterinarja li ma ġietx użata jew skart ieħor minn tali prodotti mediċinali veterinarji jew kwalunkwe strument li jerħi l-mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr rigurġitat, għandhom jintremew skont kif jitkolbu r-regolamenti lokali.

**14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT TA' TAGħrif**

<JJ/XX/SSSS>

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu/>.

**15. TAGħrif IEĦOR**

Borża ta' fojl tal-aluminju li jkun fiha 1, 3 jew 5 strument(i) li jerħu mediċina fil-kirxa ta' bhima li tixtarr.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qiegħdin fis-suq.

Għal kull tagħrif dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju, jekk jogħġibok ikkuntattja lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.